# UFFIĊĊJU KOMUNIKAZZJONI

**Il-Kurja ta' l-Arċisqof, Floriana**

Tel: 25906203/21241281 Fax: 21242971 Email: info@maltadiocese.org

*15 ta' Diċembru, 2009*

132/2009

## INAWGURAZZJONI U TBERIK TAL-ISTATWA TA' SAN ĠORĠ PRECA

Data: Il-Ħamis, 17 ta' Diċembru, 2009

Post: Knisja Parrokkjali tal-Ħamrun

Ħin: 6.30 p.m.

Nhar il-Ħamis, 17 ta' Diċembru, wara Quddiesa ta' Radd il-Ħajr immexxija mill-Arċisqof Pawlu Cremona OP, se jsir il-kxif u t-tberik tal-Istatwa l-ġdida ta' San Ġorġ Preca, fil-Knisja Parrokkjali ddedikata lil San Gejtanu, l-Ħamrun. F'din il-Knisja Dun Ġorġ għex bħala tifel u qeda lill-Poplu ta' Alla bħala saċerdot. L-istatwa se titpoġġa fil-post fejn Dun Ġorġ kien iqarar. L-istatwa tal-bronz tal-iskultur Malta Ganni Bonnici saret f'Caggiati, ġewwa Parma, l-Italja.

Il-Kappillan tal-Ħamrun, Dun Henry Balzan, jirringrazzja mill-qalb lill-benefatturi kollha li qal, għamlu din il-ħolma possibbli. Hu wera l-fehma li għalkemm Dun Ġorġ ma kienx ikun jixtieq monumenti, u lanqas għandu bzonnhom, il-Poplu Ħamruniz juri l-gratitudni tiegħu lejħ u jibqa' jfakkru għal dejjem.

Nistiednukom tibagħtu fotografu/cameraman/ġurnalist għal din l-attivita'. Il-Ħamis filgħaxija nibgħatulkom ukoll r-ritratti tal-okkażjoni.